

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 38

## SAN PAWLU VI, Papa (1963-1978)

Fit-2 ta' Frar, 1974. Solennità tal-Preżentazzjoni Tal-Mulej, il-Papa Pawlu VI kien ħareġ l-Eżortazzjoni Appostolika Marialis Cultus dokument mill-aqwa dwar il-Qima lejn Marija fil-Knisja Kattolika.

Din l-Eżortazzjoni Appostolika hija mportanti għax il-Konċilju Vatikan II (li kien tkompla minn Pawlu VI) ma kienx tkellem dwar Marija b'dokument separat imma kien tkellem dwarha fil-Kapitlu 8 tal-Kostituzjoni Dommatika Lumen Gentium. Hawn Marija kienet studjata fid-dawl tal-Knisja, bħala Mudell u Dixxiplu ideali ta' Binha Ġesù.

Pawlu VI jxebbah lill-Knisja ma' Marija – bħalha, għalkemm Verġni, il-Knisja tnissel l-ulied permezz tal-Fonti tal-Magħmudija.

## X'igħid Pawlu Vi dwar ir-Rużarju:

M'hemmx dubju, li wara ċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tas-Sigħat, l-ogħla grad li talba tal-familja tista' tilħaq, huwa r-Rużarju.



Jekk il-ħażen jikber, id-devozjoni tal-Poplu ta' Alla għandha tikber ukoll. Itolbu bil-qalb lill-kollha hniena Ommna Marija billi tirreċitaw ir-Rużarju waqt ix-xahar t'Ottubru; kif ġa wrejna. Din it-talba hija addattata wisq għad-devozjoni tal-Poplu ta' Alla, togħġob wisq lil Omm Alla u effettiva wisq biex taqlagħlna l-barkiet tas-sema.

Issa aħna nixtiequ, bħala tkomplija mal-ħsieb tal-predeċessuri tagħna, li tirrakkomandaw bil-qawwi r-reċita tar- Rużarju fil-familja

Ir-Rużarju għandu jitqies bħala wahda mill-aqwa u mill-aktar effikaċi mit-talbiet komuni li familja nisranija hija mistiedna tirreċita.

## Mill-Ktieb: Is-Sigriet tar-Rużarju ta' San Alwiġi de Montfort.

Darba l-Madonna hekk qalet lill-Beatu Alan:

'Hekk kif Alla għażel it-Tislima tal-Anġlu biex iwettaq l-Inkarnazzjoni tal-Verb u l-Fidwa tal-bnedmin, hekk ukoll min irid iwettaq riformi morali u jġeddidhom f'Ġesù Kristu għandu jqimni u jsellimli bl-istess Tislima. Jien jien il-kanal li bih Alla ġie għand il-bnedmin, u hekk, wara Ġesù Kristu, huwa permezz tiegħi li l-bnedmin jistgħu jakkwistaw il-grazzja u l-virtù'.